

# Tagħrif fuq l-Istatwa tal-fidda tal-Madonna tal-Karmnu

*Minn P. Martin Schembri, O. Carm.*

Din l-istatwa tal-fidda tal-Madonna tal-Karmnu hija magħrufa mal-Patrijiet xjuħ tagħna bħala il-Madonna tal-Erbgħat tal-Udjenza. Ir-Raġuni hija li din kienet toħroġ biss fis-7 Erbgħa tal-Udjenza tal-Madonna tal-Karmnu u kienet titpoġġa fuq l-artal Papali. Meta ġiet ir-riforma li fuq l-artal ma tistax titpoġġa xbieha tal-Madonna jew tal-Qaddisin, bdiet titpoġġa ħdejn l-artal, biex wara l-funzjoni tal-Erbgħat il-Poplu devot jitla' u jbusu din ix-Xbieha tal-Madonna tal-Karmnu.

Mill-Induratura tagħha li għadha tidher fl-erba' puttini li hemm fil-pedestall u fil-kuruna ta' fuq rasha jidher li hija xogħol ta' nofs is-seklu 17. Dan għaliex dik il-kwalita' ta' kulur tal-induratura baqa' jintuża biss sas-seklu 17. Dan jiġi ikkonfermat ukoll fl-istudju li għamel Joao Belli Barscali – 'Goldsmith's Work' maħruġ fl-1966 minn Fratelli Fabbri Editori, Milan. Il-libsa "a Martello" tal-Madonna li hija biċċa xogħol fina ħafna u sabiħa, tkompli tikkonferma li dan ix-xogħol sar għal nofs is-seklu 17, għax għalkemm il-libsa hija rikka ħafna fid-disinn imma l-panniġġar ma fiħx ħafna għax il-libsa qisha drapp mitluq.

Il-Pedestall ukoll jikkumplimenta ħafna l-istatwa u jkompli jikkonfema l-perjodu li fiha saret din l-istatwa. Fuq wara l-pedestall fih l-arma ta' dik l-epoka kif ukoll qiegħed mistriħ fuq erbgħa saqajn ta' iljuni li kienet xi ħaġa komuni f'dak iż-żmien u tissimbolizza l-qawwa ta' Marija Santissima. Jien dejjem smajt illi hija xogħol Naplitan.

Meta tħares lejn din ix-xbieha tara żewġ kuntrasti, wieħed fil-bambin u l-ieħor fil-Madonna. Il-Bambin donnu jrid joħroġ minn idejn il-Madonna biex jibda il-missjoni tiegħu biex jevanġelizza lid-dinja. Il-Madonna minn naħa l-oħra qiegħda b'ħarsita 'l fuq, donnha qed titlob "Ruħi tfaħħar il-Kobor tal-Mulej" filwaqt li bl-id l-oħra tgħaddilna l-Labtu Mqaddes biex bħala mezz sagramentali ieħor ruħna dejjem tfaħħar lil Alla.

Ta' min isemmi illi l-Labtijiet tal-Madonna u tal-Bambin ma humiex antiki għaliex skond Fra Rafel Mamo O. Carm, il-labtijiet oriġinali kienu intilfu. Fil-1995 jien kont neħħejt il-Labijiet taċ-ċarruta u s-Sur Frans Gatt kien għamel u rregala lis-Santwarju, tnejn sbieħ tal-fulugranu tal-fidda.



Din l-istatwa kif ktibt qabel kienet tintuża biss għall-erbgħat tal-Udjenza, iżda hemm fatt li nixtiequ jinkiteb biex jibqa' mfakkar. P. Franco Falzon O. Carm u P. Tarċisju Licari O. Carm t-tnejn kienu jirrakuntawh ħafna. Fl-1940 l-inkwadru tal-Morda kien qiegħed f'xi dar. Raġel u tfajla li kienu joqgħodu f' Numru 62 Triq San Mark, telgħu l-Karmnu biex itellgħu dan l-Inkwadru tal-Morda. P. Tarċisju, fid-devozzjoni u l-ħeġġa tiegħu qal lil P. Franco biex



juri devozzjoni lejha sakemm miet. Dan kienu jgħiduh ukoll P. Anselmu u P. ġiljan.

Din ix-Xbieha kienet ukoll tkun protagonist fil-Kapitlu li kien isir kull tlett snin, sakemm damu jsiru fil-Kunvent tal-Belt, fil-Librerija. Fuq il-mejda prinċipali kienu jpoġġu kurċifiss tal-fidda li għandu f'nofs il-gandlier, żewġ anġli imtajrin. Fil-Bieb tal-librerija kienet titpoġġa din ix-xbieha, biex il-patrijiet qabel ma jidħlu kienu jsellmu bħala turija, illi l-Madonna tal-Karmnu hija is-sid tal-Provinċja. P. Dumink Vassallo O. Carm, jgħid li meta kien dieħel il-ġeneral tal-Ordni Meggenus, niżel għartkubtejh u talaba għal "iktar qdusija fl-Ordni". Fi żmien meta kien Pirjol, P. Romeo M. Grech O. Carm il-mejda li kienet tintuża kienet saret kollha susa, u P. Romeo kien talab lill-Provinċjal biex tinxtara mejda ġdida. Il-mejda kienet inxtrat għal 18 il-lira sterlina mingħand Delia ta' Triq ir-Repubblika.

Ta min isemmi ukoll illi meta ġie Malta l-Kardinal S. Papalardo, Legal tal-Papa u għamel funzjoni tat-Tridu, kien uża din ix-Xbieha tal-Madonna tal-Karmnu li fil-pedestall għandha wkoll ingastata relikwa, biex ibierek lit-trabi biha.

inizlu minflok din ix-Xbieha tal-Madonna tal-Erbgħat. Talbuha lil Fra Rafael u dawn marru biha. Ir-raġel marid kellu xi ħaġa fil-kliewi u l-Professur Debono ried illi dan il-marid jitla' l-Berġa li dak iż-żmien kienet ġo Strada Stretta (wara l-Qorti). P. Tarċisju u P. Franco marru b'din ix-xbieha imgeżwra f'investa u għamlu talb quddiem, li kien jikkonsisti f'Rużarju, u Kurunella tal-Karmnu, fejn wara kulħadd bies din ix-xbieha. Wara li sar dan it-talb telgħu l-Berġa kif qalilhom il-Professur u sabu illi l-problemi li kellu l-marid fil-kliewi kienu sparixxew għal kollox. Meta ħadu r-riżultat lill-Profs Debono, ma riedx jemmen u niżel hu stess għand il-Marid. Tant skanta li fil-Festa tal-Karmnu meta din ix-Xbieha tkun armata fis-Sagristija, il-Professur Debono kien imur u




# Karina

147, Old Bakery Street, Valletta
Mob: 9920 9460

Dairy & Detergents

*Free Delivery*